SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 46-18**

**25 ta' Awissu 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fid-9.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Hadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**46.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kien hemm l-ebda ittri ta' apoloġiji.

**46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 45-18**

**46.2.1 *Sparar tal-Festa tad-Duttrina f'Ħal Tarxien***

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferiet għall-minuta 45.2.8 u qalet li hi ma taqbilx li fis-*survey* issir domanda waħda kif qed jiġi propost. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jiġu ppreparati set ta' domandi li jkunu relevanti għal dan it-tip ta' stħarriġ.

**46.2.2 *Transport Malta – Proposta ta' Żebra Crossing u Road Hump fi Triq Peprin***

Il-Kunsillier Bonello irrefera għall-minuta 45.2.4 u staqsa kienx hemm xi żvilupp fir-rigward taż-*zebra crossing* fi Triq Peprin. Is-Sur Bonello ġie nfurmat li għad m'hemm xejn. Is-Sindku ppropona li ssir *roadhump* fi Triq Katerina Vitale u li tiċkien il-bankina f'din it-triq. Ġie innutat li jrid isir *sketch* mill-perit biex din il-proposta tintbagħat lill-Transport Malta.

**46.2.3 *Measure 4.3***

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa kienx hemm xi żvilupp kien hemm fuq Measure 4.3. Huwa ġie nfurmat fl-aħħar żviluppi fuq dan il-proġett.

**46.2.4 *Proġett Sebbaħ il-Lokalita'***

Il-Viċi Sindku staqsa kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tal-Proġett Sebbaħ il-Lokalita. Huwa ġie nfurmat li l-Kunsill qed jistenna *feedback* mingħand il-perit.

**46.2.5 *Rotta 83***

Il-Viċi Sindku staqsa dwar Rotta 83 tat-Trasport Pubbliku u s-Sindku qal li kien ser jitkellem fuq dan is-suġġett waqt l-*item* fuq l-Aġenda – Komunikazzjonijiet

**46.2.6 *Tisqija kmieni filgħodu***

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li l-Kuntrattur tal-Kunsill qed jiġi jsaqqi fil-5.30 ta' filgħodu u qed joħloq inkonvenjent għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt mal-kuntrattur ikkonċernat f'dan ir-rigward.

**46.2.7 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 45-18 ġew approvati mill-Kunsill.

**46.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**46.3.1 *Kwotazzjoni għal xiri ta' mirja tat-traffiku***

**Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ kwotazzjonijiet għal xiri ta' 17 'il mera tat-traffiku li ġew ivvandalizzati u jinħtieġ li jinbidlu. Il-Kunsill qabel li jmur għall-orħos kwotazzjoni.**

**46.3.2** ***Kwotazzjoni għal xiri ta' roadhumps ġodda f'Dawret it-Torri***

Il-Kunsill qabel li għandha ssir manutenzjoni fuq ir-*road humps* preżenti u ma jinxtrawx oħrajn ġodda.

**46.3.3** ***Kwotazzjoni biex isir survey tal-Promenade f'Dawret it-Torri u Triq Prinjoli***

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni biex isir *survey* tal-*area* hawn fuq imsemmija u qabel li jinġiebu żewġ kwotazzjonijiet oħra. Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet għala qed isir dan is-*survey*. Is-Sindku qal li Transport Malta kienu ser jagħmlu proġett fil-*Promenade* bħala kumpens għall-*area* tal-Jogging Track li ser tittieħed minħabba l-proġett tal-mini fi Triq tal-Barrani. Huwa qal li l-unika kundizzjoni li qed tagħmel Transport Malta għal dan il-proġett hija dik li dan ikun jinkludi *bicycle lane*. Saret diskussjoni u ġie deċiż li dan il-proġett jitqiegħed fuq l-Aġenda tal-Laqgħa li jmiss.

**46.3.4** ***Approvazzjoni għal ħlas ta' invoice tal-Ace20***

Il-Kunsill approva *invoice* tal-kumpanija Ace20 għall-ammont ta' €1952.00 fir-rigward tal-*management* u rapporti finali tal-Europe for Citizens bl-isem ta' Flows.

**46.3.5** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM46-18 għall-perjodu bejn il-12 ta' Lulju 2018 sad-09 ta' Awissu 2018 u minn *cheque* numru BOV 7276 sa *cheque* numru BOV 7337.

**46.4 Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2018 sat-30 ta' Ġunju 2018. L-*accountant* tal-Kunsill is-Sinjura Debono tagħt spjegazzjoni tad-dħul u nfiq matul dan il-perjodu. Hija qalet li matul dan il-perjodu ma kienx hemm xi nfieq straordinarju. Hija qalet ukoll li s-*surplus* għal dan il-perjodu kien jammonta għas-somma ta' €6864 u ma dan trid tiżdied is-somma ta' €3500 li għad irid jirċievi l-Kunsill bħala *sponsorship* tal-Kunċert mużikali li sar fl-okkazjoni ta' Jum Santa Lucija.

Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**46.5** ***Komunikazzjonijiet mis-Sindku***
***Measure 4.3***

**46.5.1** Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien kiteb lill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma dwar id-deċiżjoni li ħa dwar l-ispiża it-*trenching works* u sa issa għad ma rċieva l-ebda risposta.

**46.5.2** ***Vakanza għall-Part-time Clerk***
Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma l-Kunsill dwar is-sejħa għal impjieġ ta' post ta' skrivana *part-time*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet żewġ applikazzjonijiet għal din is-sejħa. Hija qalet li waħda mill-kandidati ma setgħetx taħdem is-siegħat rikjesti mill-Kunsill iżda l-kandidata l-oħra kienet lesta li taħdem skond l-esiġenzi tal-Kunsill. Il-Kunsill ta' l-approvazzjoni tiegħu għal din il-kandidata li għandha tibda x-xogħol fix-xahar ta' Settembru 2018.

**46.5.3** **Laqgħa ma' rapprezentanti tal-Wasteserv**
Is-Sindku tkellem dwar proċedura ġdida tas-separazzjoni tal-iskart domestiku li ser tibda mill-31 ta' Ottubru 2018. Huwa qara l-minuti tal-laqgħa li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom ma' rappreżentanti tal-Wasteserv u nforma l-Kunsill bl-iskeda l-ġdida tal-ġbir ta' skart li mid-data hawn fuq imsemmija ser tinkludi wkoll il-ġbir ta' skart organiku. Kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa għandha tintbagħat lill-membri kollha tal-Kunsill.

**46.5.4** ***Laqgħa ma rappreżentanti tal-Gal Xlokk***
Is-Sindku tkellem dwar il-proposta tal-proġett tal-Promenade li l-Kunsill kien qed jipproponi li jsir mill-fondi taħt il-Programme Leader. Huwa qal li issa li dan il-proġett ser isir minn Transport Malta, il-Kunsill irid jagħmel proposta ġdida. Saret diskussjoni u ssemmew diversi proposti li jikkonċernaw il-Picnic Area, fosthom sistema ta' dawl biex tinxtegħel din l-area.

**46.5.5** ***Development Planning Fund***
Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill dokument tal-ftehim bejn il-Kunsill u Awtorita' tal-Ippjanar dwar ix-xiri ta' *dustbins* ġodda bħal dawk eżistenti, bil-fondi li għandu disponibbli l-Kunsill taħt id-Develpment Planning Fund. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex jiġi iffirmat dan il-ftehim.

**46.5.6** ***New Street Lighting***
Il-Kunsill laqgħa l-proposta biex titwaħħal lampa ġdida fuq *bracket* fi Triq Għeneb id-Dib. Saret referenza għad-dawl ġdid li kellu jsir fi Triq Lellux u l-Kunsill qabel li jkellem lir-resident tad-dar li magħha tista titwaħħal *bracket* biex jekk dan ma jsibx oġġezzjoni jkun jista' jiġi ordnat ix-xogħol.

**46.5.7** ***Applikazzjoni tal-ERA***

Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li saret lill-ERA fir-rigward ta' żbir ta' siġra f'Dawret it-Torri.

**46.5.8** ***Rotta 83***

Is-Sindku tkellem fuq l-andament ta' Rotta 83 li saret ċirkulari bi qbil ma' Transport Malta. Saret referenza għall-ilmenti li qed jirċievi l-Kunsill minn numru ta' residenti. Qamet diskussjoni twila dwar din is-sitwazzjoni. Is-Sindku semma l-proposta li l-karozzi tal-linja jitilqu mill-Belt skond l-iskeda u minn Santa Luċija jitilqu ħames minuti qabel ħalli l-karrozza ma ddumx fuq il-venda. Huwa qal li jrid jagħmilha ċara lid-deċiżjoni lir-rotta jsir ċirkulari kienet tal-Kunsill kollu. Il-Kunsill qabel li trid tinstab soluzzjoni effiċjenti. Ġie propost li jsir *interactive notice board* li jindika eżatt il-ħinijiet li tkun ser tasal il-karrozza tal-linja. Il-Kunsill qabel li tinħareġ stqarrija għar-residenti biex ikunu jafu kif il-Kunsill qed jipprova jindirizza din is-sitwazzjoni. Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa ma' Trasport Malta u Malta Public Transport dwar din is-sitwazzjoni.

**46.5.9** ***Xiri ta' żewġ Doggie Bins***

Il-Kunsill qabel li jinxtraw żewġ *doggie bins* biex jiġu nstallati fi Triq Kamelja.

**46.5.10** ***Skart Industrijali fi Triq il-Qoton***

Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lill-operaturi ta' negozji fi Triq il-Qoton dwar skart industrijali li qed jitħalla barra fit-triq u li huwa responsabbilta' ta' dawn l-operaturi.

**46.6** **Kuntratt SLLC(RMFP) (57-18-04) Road Maintenance Works - Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni**

Il-Kunsill approva d-dokument tal-offerta hawn fuq imsemmija u ħatar il-Kumitat ta' Evalwazzjoni kif ġej:

Chairperson: Terrence Ellul (Sindku)
Evalwatur (Legali) Liam Sciberras (Kunsillier)
Evalwatur ( Finanzi) Frederick Cutajar (Viċi Sindku)
Evalwatur (Tekniku) Caroline Galea(Kunsilliera)
Segretarju Caroline Silvio (Segretarju Eżekuttiv)
Il-Kunsillier Bonello inħatar bħala osservatur.

**46.7** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**46.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-11.30a.m.  Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar is-Sibt, 29 ta' Settembru 2018 fid-9.00a.m.

Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2018

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |